TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Ġunju, 2023**

**Talba Nru: CCT19/23/DS**

**Mark Zammit**

**Vs**

**Ta' Nuzzi Garage**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fid-9 ta' Frar, 2023 fejn talab illi jingħata l-flus lura tal-batterija li xtara mingħand is-soċjeta' intimata fl-ammont ta' disgħin Ewro (€90) illi huwa kien ħallas peress illi qiegħed isostni illi l-imsemmija batterija ma kienetx qiegħda tiffunzjona kif mistennija u għalkemm kienet għadha taħt garanzija l-intimata ma riedetx tibdilielu u kellu jixtri waħda ġdida.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma ntavolatx risposta pero' deher rappreżentant tagħha biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri. L-attur m'oġġezzjonax illi s-soċjeta' intimata ttella' l-provi għalkemm naqset illi tagħmel risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda kolllha bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi rriżulta illi l-attur xtara batterija tal-karozza minghand Ta' Nuzzi Garage liema batterija ma bdietx taħdem kif suppost u peress li kienet għadha taħt il-garanzija hadha għand is-soċjeta' intimata sabiex jara x'għandha. Wara li għaddew numru ta' ġranet u l-attur ma semgħa xejn u peress li dan kien qiegħed jikkawżalu

inkonvenjent huwa staqsa x'kien sér jiġri d'dak l-istadju. Wara illi kellem lill-aġent is-Sur Borg ta' Ta' Nuzzi Garage kien qallu illi l-ħsara ma kienetx fil-magna iżda fl-*alternator*. L-attur f'dan il-punt mar għall-batterija, ħadha għand *electrician* biex jiċċekkjaha kif ukoll xtara batterija oħra u l-*electrician* ikkonferma illi l-karozza kienet qiegħda taħdem f'kundizzjoni perfetta. L-attur preżenta kopja ta' dokument li juri illi skont ir-*readings* tal-*alternator* il-batterija kien kellha l-ħsara u mar jitlob lis-sur Borg iħallsu lura d-disgħin Ewro (€90) għaliex issa kellu l-prova illi l-batterija kienet ħażina u xejn aktar.

Is-Sur Borg reġgħa staqsa biex jara l-karozza sabiex jikkuntattja lill-aġent u talab illi jżomm il-batterija għandu sakemm jiċċekkja xi affarijiet. L-attur jgħid illi s-Sur Borg beda jgħid affarijiet minn żniedu ta' x'setgħa ġara pero' ma kien fil-fatt ġara xejn minn dan.

Finalment l-attur jgħid illi s-Sur Borg offrielu li jtieħ flixkun żejt tal-magna jiswa circa ħamsin Ewro (€50) sa sebgħin Ewro (€70) għaliex ma setgħax itih flus lura fuq il-batterija.

Is-Sur Borg għas-soċjeta' intimata minn naħa tiegħu qal illi meta l-attur ħadlu l-batterija u ċċekjaha kienet kompletament vojta. Huwa insista biex jara l-karozza sabiex jara din il-batterija għalfejn kien ġralha hekk pero l-attur irrifjuta. Huwa jgħid ukoll illi kien ħadha għand l-aġent mingħand min xtraha liema aġent iċċekkjaha u wkoll sabha baxxa. Jgħid illi l-attur kien ħa l-batterija lura, mar iċċekkjaha għand xi ħadd u ġab dokument illi juri li l-*alternator* tal-karozza huwa tajjeb, u li l-batterija kienet ħażina u trid tinbidel għaliex għadha taħt il-garanzija pero' peress illi ma kienx hu li ċċekkja l-karozza u *stante* illi ma kienx hemm indikazzjoni ċara li t-*testijiet* saru fuq din il-karozza partikulari, dawk ic-certifikati ma aċċettahomx.

Xehed ukoll is-Sur Kurt Coleiro, l-aġent minn fejn inxtrat il-batterija u li għamel testijiet fuq l-istess bir-riżultat illi sab l-imsemmija batterija baxxa ħafna miċ-*charge*. Huwa jgħid illi l-batterija kellha circa 8 Volts u li meta dan ikun il-kaz "*il-ħsara mhix tal-batterija imma tal-karozza u għaldaqstant tali ħsara normalment ma taqax taħt il-garanzija.*"

Dan it-Tribunal semgħa bir-reqqa x-xhieda u ra anka l-provi prodotti u jħoss illi għalkemm l-attur ġab bħala prova r-*readings* tal-*alternator* dan mhux neċessarjament kellu jfisser illi l-batterija kellha ħsara riżultanti minn difett. Il-fatt illi nbidlet il-batterija mingħajr ma saru tiswijiet fuq il-karozza u l-karozza bdiet taħdem tajjeb u bla problemi jelimina l-karozza bħala s-sors tal-problema imma fl-istess ħin ma jfissirx illi l-batterija kienet neċessarjament difettuża. Il-problemi fil-batterija setgħu

inħolqu mod ieħor, per ezempju, biex jissemma eżemju wieħed imsemmi mis-Sur John Bentley, Technical Sales Manager ta' ecobat Battery, li tiegħu inġiebu l-korrispondenzi bħala prova, *"It is more likely that the battery had run on the edge of minimum capacity and then tips over into exothermic reaction known as thermal runaway"*. Bħal dan l-eżempji hemm oħrajn.

Dan it-Tribunal m'huwiex moralment konvint illi l-ħsara li kien hemm kienet fil-fatt frott batterija difettuża. Bla preġudizzju għal dan, ma ġie prodott l-ebda dokument li juri l-kopriment tal-batterija bil-garanzija w'għaldaqstant dan it-Tribunal m'għandux referenza ta' min meta realment bdiet din il-garanzija w'għaldaqstant meta tagħlaq u tal-kundizzjonijiet tagħha.

Illi l-offerta li ngħata l-attur, u cioe dik ta' flixkun żejt tal-magna ma kienetx offerta li l-għan tagħha kien sabiex biha jiġi riżarċit l-attur iżda offerta sabiex l-affarijiet ma jitwalux, kif ingħad fix-xhieda w'għaldaqstant laqas tista' tittieħed bħala xi forma ta' ammissjoni ta' xi responsabbilta' tas-soċjeta' intimata fiċ-ċirkustanzi.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħui suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess l-attur.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**